MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 207/2001/1

Avviz Nru:- 207/01DM

Korporazzjoni Enemalta

Vs

Rite Mix Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta’ sitt mija, tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm471.94) rappresentanti danni minnhom jew min minnhom ikkagunati f’cable tad-dawl proprjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar l-5 ta’ Mejju 2000 fi Triq Imdina –Qormi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 2001, bl- imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bl-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-27 ta' Lulju 2001 fejn il-konvenuti kkontestaw it-talba u ddikjaraw li ser jipprezentaw l-eccezzjonijiet formali fi zmien hmistax il-(15) gurnata minn dik in-nhar izda dawn qatt ma gew ipprezentati.
.
Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenuti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenuti ma pprezentaw ebda nota tal-eccezzjonijiet formali, huwa sufficjenti ghalihom li jikkontestaw it-talba u ghalhekk anke fin-nuqqas ta' provi da parti taghhom, jispetta lill-atturi, biex tirnexxi t-talba taghhom, illi jgibu provi sufficjenti biex jiggustifikaw il-pretensjoni taghhom.

Izda l-provi prodotti mill-atturi b'ebda mod ma jimplikaw xi nuqqasijiet da parti tal-kumpanija konvenuta fil-hsarat li gew irriskontrati, wisq inqas ma jwasslu ghal xi indizju illi l-hsarat kienu kkawzati minn xi negligenza jew imperizja ta' xi terza persuna ohra.

Il-fotokopja ta' speci ta' dikjarazzjoni esibita mill-atturi a fol 17 tal-process u mmarkata bhala dokument SD4 m'ghandha ebda validita' jew effett legali billi mhiex l-iskrittura originali u ma tidentifika b'ebda mod min kien iffirmaha u wisq inqas ma tindika illi min iffirma setgha jorbot lill-kumpanija konvenuta f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi ssib illi l-atturi ma ppruvawx soddisfacentement il-pretensjoni taghhom u ghaldaqstant qieghdha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------